**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**Vs**

**Lizian Sciberras**

**Kumpilazzjoni Numru: 141/2013**

**Illum, 11 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lizian Sciberras ta' 23 sena, iben Grazio u Mary Anne nee' Galea mwieled Pieta' fl-4 ta' Dicembru 1989 u li joqghod fil-fond 14, 'Horace Anne' Triq il-Kappar Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 571289M talli:

Fil-Kalkara, fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Frar 2013 ghall-habta ta' nofs il-lejl, ikkommetta serq ta' 'cable' tal-elettriku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u l-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta' Tonio Ciantar u/jew persuni jew entitajiet ohra;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri s-somma ta' elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) fuq proprjeta' privata li saret ghad-dannu ta' Tonio Ciantar u/jew persuni jew entitajiet ohra.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(a) Fl-artikoli 261(b)(c) u (f), 263(a), 267, 270; 278(3), 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(c) Fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li r-*res furtiva* thallset hekk kif dikjarat illum stess seduta stante mill-parte leza, kif ukoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali li hija wahda netta.

Isegwi ghalhekk li piena karcerarja zgur li mhix wahda idonea fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c) u (f), 263(a), 267, 270; 278(3), 279(a), 280(2) u 281(a), 325(1)(a), 17, 20 u 31 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ghat-talba ghall-hlas tal-esperti kif indikata fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju billi ma rrizultax li kien hemm involuti xi hlas ta' esperti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat